# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 23 ta' Settembru, 2015**

**Talba Nru: 674/2015/VG**

**W.J. Parnis England Limited**

**Vs**

**Champ Limited Qormi [C-49594] u b'digriet tal-lum stess il-kelma Qormi wara l-kelma Limited giet imhassra**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fil-21 ta' Awwissu, 2015** u li permezz taghha talbet lis-socjeta intimata thallasha s-somma ta' elf seba' mija hamsa u ghoxrin euro u tmienja u erbghin centezmi ta' euro [€1,725.48c] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Illi s-socjeta intimata hija debitrici tas-socjeta rikorrenti fis-somma ta' elf, seba' mija u hamsa u ghoxrin ewro u tmienja u erbghin centezmu (€1,725.48) dovuta skont l-invoices annessi u mmarkati bhala Dok WJPE 1 – Dok WJPE 17. Dan l-ammont jirraprezenta bilanc minn somma akbar rapprezentanti prezz ta'

prodotti mibjugha u kkonsenjati lis-socjeta intimata fuq ordni taghha stess;

Illi s-socjeta intimata giet interpellata diversi drabi ghal hlas ta' dan l-ammont madanakollu, il-hlas dovut baqa ma sarx u ghadu dovut.

GHALDAQSTANT, is-socjeta rikorrenti umilment titlob lil dan l-Onorabbli tribunal sabiex,

1. Jiddeciedi u jiddikjara lis-socjeta intimata bhala debitrici tas-socjeta rikorrenti fl-ammont imsemmi ta' elf, seba' mija u hamsa u ghoxrin ewro u tmienja u erbghin centezmu (€1,725.48), jew somma verjuri li tista tigi deciza;

2. Jordna lis-socjeta intimata thallas lis-socjeta rikorrenti l-ammont imsemmi ta' elf, seba' mija u hamsa u ghoxrin ewro u tmienja u erbghin centezmu (€1,725.48) jew somma verjuri.

Bl-ispejjez gudizzjarji u extra-gudizzjarji nkorsi mis-socjeta rikorrenti in konnessjoni ma' dan id-debitu, u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-fattura sal-pagament effettiv bl-oghla rati ai termini tal-Kap. 13, Ligijiet ta' Malta".

Ra li s-socjeta ntimata giet debitament notifikata fl-4 ta' Settembru, 2015 u li la resqet risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

Ra l-verbal tal-lum stess fejn il-kelma "Qormi" wara l-kelma Limited giet kancellata.

Semgha x-xhieda ta' Joseph Bowman, *general manager* tas-socjeta rikorrenti, li kkonferma li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti ghadu dovut fl-intier tieghu mis-socjeta ntimata.

Ra li l-Avukat Dott. Sonia Vancell ddikjarat li s-socjeta rikorrenti ma kellhiex provi aktar xi tressaq u talbet lit-Tribunal sabiex jghaddi ghas-sentenza, liema talba t-Tribunal laqa'.

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand is-socjeta intimata tas-somma ta' elf seba' mija hamsa u ghoxrin euro u tmienja u erbghin centezmi ta' euro [€1,725.48c] bilanc minn somma akbar rapprezentanti prezz ta' prodotti mibjugha u kkonsenjati lilha fuq ordni taghha stess.

Ikkunsidra;

2. Joseph Bowman, *general manager* tas-socjeta rikorrenti, kkonferma bil-gurament tieghu llum stess li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti ghadu dovut fl-intier tieghu mis-socjeta intimata.

Ikkunsidra ulterjorment;

3. Illi l-paragrafu (a) tas-sub-artikolu (2) ta' l-artikolu 9 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi testwalment hekk:

*(2) Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (21), ġudikatur –*

(a) *Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda;*

4. Imbaghad il-paragrafu (b) ta' l-artikolu 13 tal-Kapitolu 380 jipprovdi hekk:

*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:*

*(b) Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis.* (sottolinejar tat-Tribunal).

5. Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija jirrizulta li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma lill-intimat f'kaz li dan ma jidhirx quddiemu.

6. Fil-kaz odjern, is-socjeta ntimata giet debitament notifikata fl-4 ta' Settembru, 2015 u li la resqet risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

7. Jirrizulta li t-talba tas-socjeta rikorrenti hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal mis-socjeta rikorrenti ma ghandux mis-sewwa.

8. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mis-socjeta rikorrenti huwa dovut mis-socjeta ntimata.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti kif kontenuta fit-Talba taghha u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta ntimata thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' elf seba' mija hamsa u ghoxrin euro u tmienja u erbghin centezmi ta' euro [€1,725.48c] bl-imghaxijiet kummercjali kif mitluba fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mid-data ta' meta giet dovuta kull fattura, sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha huma a kariku tas-socjeta ntimata.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Mary Josette Musu**
**Deputat Registratur**